MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Numru. 1012/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**

**KONTRA**

**MARIO VELLA ta’ 28 sena, iben Peter u Gemma Maria nee’ D’Amico, imwieled tal-Pieta’ nhar is-17.03.1982, residenti fil-fond Joecon, Flat 2, Triq Manwel Attard, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 175882M;**

**Il-Qorti;**

1. Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi MARIO VELLA li gie akkuzat talli fis-26 ta’ Frar, 2010 u fi granet precedenti, minn gewwa l-fond maghruf bhala City Lights DVDs Rentals, f’Hal-Qormi:

a. Iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

b. Jew ghamel uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

c. Jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' diversi DVDs b'films;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ghall-qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-istess imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb fuq l-istess;

Rat l-Artikoli 298(1)(a)(c)(f) u 298B, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal multa fl-ammont ta’ €500; Tordna wkoll id-distruzzjoni ta’ l-oggetti ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------